Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Xerri)

Vs

Vincent Preca

Kumpilazzjoni Numru: 98/2020

Illum 25 ta’ Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it- 28 ta’ Frar 2020 kontra l-imputat talli:

**Vincent Preca** ta’ 57 sena iben John u Josephine xebba Vassallo, imwieled H’Attard nhar it- 22 ta’ Ġunju 1962 u residenti 225, Willow, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0424862M

Akkużat talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Frar 2020 matul in-nofs ta’ nhar ta’ filgħodu ġewwa Triq l-Imħallef William Harding, f’Pembroke:

1. Kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Maġistrat tal-Għassa Dr Charmaine Galea LL.D. tal-ħamsa (5) ta' Novembru 2018, kif sussegwentement ikkonfermat u emendat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippreseduta mill-Maġistrat Dr Simone Grech LL.D.;
   *Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   Kif ukoll talli fl-istess data u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

2. Ġab ruħu b'tali mod li ta' fastidju lill martu Anna Maria Preca, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li għamel kien ta fastidju għal martu Anna Maria Preca;
   *Artikolu 251A(1)(a)(b) u 222(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Anna Maria Preca biża li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa familjari, aħwa jew familjari oħra tagħha;
   *Artikolu 251B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Anna Maria Preca, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku, jew għal-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-mori tal-kawża, u f'każ ta ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tpoġġi lill-imputat taħt ordni ta' trattament *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-onorabbli Qorti hija mitluba titratta dan il-kas bħala wieħed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittma Anna Maria Preca.

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtijja barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li qed nesebixxi il-fedina penali u estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat, il-Prosekuzzjoni titlob li dan il-każ jiġi investigat skond il-Liġi.

Ħadet nota li l-imputat wieġeb mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu meta ġie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[1]

Ħadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat preżentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Ħadet nota tal-istqarrija tal-imputat preżentata in atti a folio 27 sa 31 tal-proċess.

Ħadet nota tal-kunsens tal-Avukat Ġenerali li din il-kawża tiġi trattata bi proċeduri sommarji.[3]

[1] Folio 5 u Folio 32 tal-process.
[2] Folio 9 tal-process.
[3] Folio 7 tal-process.

Ħadet nota ukoll li l-imputat ma oġġezzjonax u ta l-kunsens tiegħu biex jiġi iġġudikat minn din il-Qorti u dan fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[4].

Ħadet nota tal-atti kollha tal-każ.

Semgħet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Il-każ in eżami jirrelata inċident waħdieni li seħħ fuq perjodu ta' siegħat fil-25 ta' Frar 2020 meta l-imputat allegatament kiser ordni ta' projbizzjoni/restrizzjoni imposta minn dawn il-Qrati biex ma jimmolestax, idejjaq jew b' xi mod javvicina lill-kwerelanta martu Anna Maria Preca. Il-parte civile qed tallega li bl-imġieba tiegħu fil-jum mertu tal-proċeduri huwa immolestaha bi kliem u b' kummenti u saħansitra mar wara l-bieb tagħha. Irid jingħad li l-koppja Preca kienu

[4] Folio 134 tal-process.

għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u milli jidher l-imputat ma setax jaċċetta dan l-istat ta' fatt.

Il-Pulizija irrikorrew f'Pembroke fejn il-koppja kienu qed jirrisjedu fl-istess blokka u sabu lill-imputat wara l-bieb ta' martu li deher konfuz. Huwa mill-ewwel ikkollabora mal-ufficjali tas-sigurta' u wara ftit ittiehed l-Isptar Monte Carmeli ghall-kura.

**Provi**

Xehdet **Anna Maria Preca** waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2020 fejn stqarret li hija l-mara tal-imputat.[5] Tgħid li fil-25 ta' Far 2020 ġie kmieni fil-għodu, daqqilha l-qanpiena u tefalha envelop fil-letterbox u telaq. Tiċċara li l-imputat kellu Ordni ta' Protezzjoni favur tagħha sa mis-sena 2018. Hija kienet tgħix fid-dar u hu kien jgħix ġol-basement tal-istess propjetà'. Tgħid li wara ftit semgħetu ***jeqred, jgerger u jgħajjat*** tant li ma felħitx tkompli bix-xogħol fil-washroom, biss hu kien fil-basement u hija d-dar. Tgħid li l-kliem kien '***ghaliex qed taghmilli hekk, ghaliex qed taghmilli hekk waqt li qed jghajjat u jeqred. Ghaliex qed taghmilli hekk u it-tfal, it-tfal irrid narahom'***[6]. Tisħaq li għamel fratterija sħiħa. Tispjega li ftit tal-minuti wara ma semgħetux aktar u beda jċempel il-qanpiena u kważi kissirha. Dak il-ħin kien hemm waħda minn binthom ukoll preżenti. Tgħid li ***ratu minn wara t-tieqa jaqbez cint, jaqbez il-grada u gie wara l-bieb***. Tispjega li il-gate kienet magħluqa u tkompli biċ-ċint u tagħti deskrizzjoni tal-grada u tac-cint. Meta gara hekk tgħid li qalba bdiet tħabbat u qabditha roda kbira f'saqajha. Tgħid li bdiet iżżomm il-bieb u l-imputat pprova

[5] Folio 64 tal-process.
[6] Folio 66 tal-process.

jdaħħal iċ-ċavetta u fil-fatt dawwarha darbtejn u waqaf hemm u reġa' beda jgħid biex niftħulu. Tgħid li bejn il-bieb u l-gate hemm qisu nofs awla. Tispjega li iċ-ċint huwa madwar ħames filati però hija ma kellmitu xejn. Wara ftit ipprova jerga' jiftaħ, dawwar iċ-ċavetta darbtejn u waqaf hemm. Taqbel li sa dak in-nhar hu ukoll kellu iċ-ċavetta tal-bieb ta' darha. Meta rat hekk kienet hi li ċemplet lill-pulizija għal-assistenza. Tgħid li meta ġew il-pulizija komplew jinvestigaw huma u kien f'dak il-ħin li ħareġ il-barra. Tgħid li magħha kellha żewġ itfal tagħhom li it-tnejn maggorenni però il-ġuvni kien rieqed u baqa' rieqed.

Tisħaq li fil-ġranet ta' qabel beda jwaddbilha l-affarijiet fil-letter box. Fil-ġranet ta' qabel il-Valentine sabet ġiżirana u tagħha qasrija tal-fjuri. Tgħid li dak in-nhar kien ser jagħtiha heart attack għax qalba bdiet tħabbat ħafna. Kienet ser tintilef minn sensiha però żammiet.

Kontro-eżaminata tirrepeti li ilhom għaddejjin minn separazzjoni mis-sena 2018 però l-imputat qatt ma qalilha jekk iridx jissepara jew le. Ma qalilha xejn. Ma tafx jekk kienx qiegħed ibagħti b'xi kundizzjoni wara li bdew jisseparaw. Tgħid li l-envelop fil-ġurnata de quo kien tefgħu fil-għodu kmieni. tisħaq li wara l-envelop qatt ma ratu aktar f' idejh għax kienet gabritu hi. Tiċċara li l-album tat-tieġ ma kienx tefgħu dak in-nhar imma qabel u tefgħu wara l-gate, jiġifieri ġranet qabel. Temfasizza li uliedhom kollha maggorenni u jista' jarahom meta jrid. Tiċċara u tgħid:

***'Mela il-qrid qisu biki, nofs il-fratterija li għamel jeqred qisu biki. Umbagħad għalfejn qed tagħmilli hekk, għalfejn qed tagħmilli hekk. Imma aktar biki, biki jgħajjat u qrid jgħajjat.'***[7]

*Fl-aħħar nett tgħid li l-imputat qatt ma hedded li jifqa' l-bieb. Taqdel li huwa ma kienx qed ikun vjolenti.*[8]

Xehed l-ispettur **Leeroy Balzan Engerer** fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2020 u jispjega li huwa diġà kellu proċeduri fuq vjolenza domestika mal-imputat. Jgħid li dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin u li l-ordni ta' protezzjoni għada *in vigore*.[9]

Xehed **PC 752 Justin Said** li jispjega r-rwol tiegħu fl-istħarriġ. Jgħid li huwa ma' kollegi tiegħu marru fuq il-post u sabu lill-imputat imbikkem wara l-bieb ta' martu. Hu jgħid li ikkollabora magħhom meta waslu fuq il-post.[10] Jgħid li martu riditu joħroġ minn fejn kien għax huma sabuħ bejn il-gate u il-bieb. Jispjega li l-ħajt hu għoli nofs bniedem però r-rixtellu huwa għoli u l-imputat qabeż minn fuq iċ-ċint.

Kontro-eżaminat jgħid li huwa ikkopera u beda jwieġeb id-domandi tagħhom. Jgħid li l-imputat kien daqsxejn anzjuż. Ix-xhud jgħid testwalment: ***'Kellu xi haga importanti xi jgħid però' ma kellux lil min jghidha, ma fethulux.'***[11]

---

[7] Folio 76 tal-process.
[8] Folio 77 tal-process.
[9] Folio 78 tal-process.
[10] Folio 80 tal-process.
[11] Folio 82 tal-process.

Xehed **PC 920 Clive Pace** li ikkorrabora dak li qal PC Said.

Kontro-eżaminat jispjega li s-Sur Preca kien agitat.[12] Jikkonferma li l-imputat ma kellu xejn f'idejh u li ikkopera magħhom.

Xehed **l-Ispettur Michael Vella** li dak iż-żmien kien surġent l-għassa ta' San Ġiljan fid-data tal-allegat inċident. Hu jgħid li tal-għassa talbu l-assistenza tal-RIU. Hu jikkonferma r-rapport li kien għamel dwar l-inċident a folio 10 tal-proċess.[13]

Xehdet **WPC 376 Yana Buttigieg** li ikkorraborat ix-xhieda tal-kollegi tagħha. Tispjega li kienet hija li irċeviet it-telefonata u bagħtet lill-kollegi jinvestigaw.[14] Tgħid li qalulha li l-imputat kien konfuż u għalhekk ċemplet l-Isptar Mater Die biex jiġi rikoverat ħalli jiġi invistat minn tabib.Tghid li l-kwerelanata kienet qed tinstema' ***agitata ghax l-imputata kien qiegħed iħabbat ħafna mal-bieb ta' barra***.

**Stephanie Preca** li tiġi bint l-imputat u l-kwerelanta li tiġi mart l-imputat iddikjaraw li ma jixtiqux jixhdu waqt is-seduta tas 17 ta' Frar 2021.[15]

Xehed **PC 970 Zerafa** li qal li hu skorta lill-imputat mill-Isptar Mater Die sa l-Għassa ta' San Ġiljan.[16]

[12] Folio 86 tal-process.
[13] Folio 93 tal-process.
[14] Folio 95 tal-process.
[15] Folio 101 tal-process.
[16] Fo. 102 tal-process.

Xehed l-**Ispettur Joseph Xerri** fejn elabora x-xhieda tiegħu dwar is-sehem tiegħu fl-investigazzjoni.[17] Huwa jgħid li ġie infurmat bl-akkadut u l-uffiċjali li irrikorrew fuq il-post informawh ukoll li l-imputat kellu bżonn jittieħed l-isptar Mater Die u li fil-fatt inżamm hemm għal-osservazzjoni. Jgħid li hu ma marx fuq il-post però l-imputat ġie arrestat fuq mandat maħruġ mill-Onor. Maġistrat Dottor Yana Micallef Stafrace. L-istqarrija ġiet ezebita a folio 27 sa 31 tal-atti. Hu ikkopera mal-pulizija u wieġeb għad-domandi li sarulu waqt l-investigazzjoni. Jiċħad li imbotta il-bieb f'xi hin jew li ikkomunika ma' martu. Jikkonferma li qabeż iċ-ċint però jiċħad li f'dak il-perjodu qal xi kliem. Jissokta jgħid li wara l-ordni ta' protezzjoni ma kienx hemm inċidenti bejn il-partijiet però jaqbel li hu żamm iċ-ċavetta tad-dar matrimonjali għax skond hu kellu kull dritt. Skond hu l-ordni tal-Qorti kienet li jiġi msakkar u issiġillat il-bieb tat-taraġ intern. Hu ippreżenta vera kopja ta' l-istess ordni li ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati per. Onor. Maġistrat Dottor Simone Grech fl-4 ta' Novembru 2020.[18] Jiddikjara li sa fejn jaf hu s-sentenza qiegħda fi stadju ta' appell.

Kontro-eżaminat jispjega f'aktar dettal ir-ritratti minnu eżebit. Jispjega li l-imputat ikkonferma li kien qed jgħix ġol-garaxx. Jikkonferma li l-imputat ikkollabora mal-pulizija b'mod sħiħ.

Xehdet **Donalise Camilleri** mis-servizzi tal-Probation nhar is-16 ta' Lulju 2021.[19] Tgħid li l-imputat ikkopera bi sħiħ magħha u dejjem attenda għas-sessjonijiet. Hija preżentat ir-rapport tagħha. Fil-parti

[17] Folio 104 tal-process.
[18] Folio 107 tal-process.
[19] Folio 131 u 159 tal-process.

konklussiva tiegħu l-uffiċjal itenni li l-imputat għandu bżonn li jindirizza l-problemi psikoloġiċi u emozzjonali li għaddej minnhom.[20]

Waqt il-kontro-eżami tisħaq li l-imputat kien l-isptar Monte Carmeli għal xi żmien u kien qalilha li għadu jħobb lil martu.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel imputazzjoni li qed jiġi akkużat biha l-imputat odjern huwa li kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta. L-artikolu relevanti għal din il-vertenza huwa l-artikolu 412C (11) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

**(11) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.**[21]

In sostenn ta' dan xehed l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Każ Nru 743/2018 quddiem l-Onor. Maġistrat Dottore Simone Grech. A folio 16 u 17 tal-proċess hemm testwalment dawn l-ordnijiet:

[20] Folio 137A tal-process.
[21] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

**'Il-Qorti qed tordna illi Vincent Preca jkollu access biss ghall-basement/garaxx u li c-ċwievet ta' dan il-garaxx/basement ikunu f' idejh………**

**Il-Qorti tagħmilha ċara illi l-imputat ma jista' bl-ebda mod isegwi l-movimenti ta' Anna Maria Preca u jimmolesta jew b'xi mod ieħor jivvessa lill Anna Maria Preca u tordna illi l-kumplament tal-kundizzjonijiet eskluż l-kundizzjoni numru 2 jibqgħu vigenti.'**

L-Ordni ta' Protezzjoni temporanja oriġinali maħruġa fil-5 ta' Novembru 2018 li għalih jagħmel referenza l-ordni tat-18 ta' Jannar 2019 kien jgħid is-segwenti:

1. **Tipprojbixxi u tirrestrinġi lil Vincent Preca milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Anna Maria Preca'**

   **……………………………………………………………………… …………**

3. **Tipprojbixxi lil Vincent Preca milli jimmolesta bi kwalunkwe mezz lil Anna Maria Preca.**[22]

L-uffiċjal prosekutur f'dak il-każ, l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer, ikkonferma ukoll li fil-mument tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom vigenti. Xi haġa li del resto kien konsapevoli minnha l-imputat tant li ammettiha waqt l-istqarrija tiegħu lill-Ispettur Xerri.

[22] Folio 13 u 14 ordnijiet immedjati mahruga mill-Magistrat Charmaine Galea.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li l-fatt li huwa qabeż iċ-ċint u l-grada ta' fejn kienet qed tirrisjedi l-mara tiegħu imur kontra l-ordnijiet mogħtija mill-Qrati li kienu intiżi biex jittutelaw lis-Sinjura Preca. B' mod volontarju hu għażel li jikser dik l-ordni u mar iċempel għal diversi drabi l-bieb fejn kien jaf li qiegħda martu. Ma jirriżultax mill-atti li kien hemm xi raġuni valida għala qabeż ir-reċint. Is-sempliċi raġuni li jrid ikun jaf għalfejn għaddejjin min separazzjoni jew biex ikellem lit-tfal, li t-tnejn addirittura huma maggorenni, mhix l-iskuża valida li jikkontempla is-subinciz ħdax (11) tal-artikolu hawn fuq ċitat.

Għaldaqstant, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuża numru wieħed kif dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

It-tieni akkuża mressqa mill-prosekuzzjoni tirrigwarda fastidju li allegatament ta l-imputat fil-ġurnata odjerna tal-25 ta' Frar 2020. L-artikoli relevanti tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma s-segwenti:

***251A. (1) Persuna li:***

***(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew***

***(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;***

……………………………………………………………………………………………………

……………………………

***(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.***

***(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:***

***(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew***
***(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew***
***(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.***

***(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:***

***Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)***[23]***.***

[23] Minghajr dubbju il-vittma kienet konjugu tal-imputat ghax ma jirrizultax li kienu isseparaw fil-gurnata tal-incident. Aluta l-artikolu 222(1)(a) ghandu japplika f' dan il-kaz.

Il-Qorti tagħmilha ċara li l-qrid, il-biki u il-garr meta huwa kien fir-residenza tiegħu, ossija il-garaxx li jiġi taht ir-residenza tal-mara bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien fastidju. Kulħadd għandu dritt li jesprimi l-uġiegħ u d-dwejjaq li jkollu. Hu jekk ma tistax tagħmel dan bejn l-erba' hitan ta' darek, allura fejn tista'? Hu ampjament ippruvat li l-imputat kien għadu muġugħ b'dak li kien qed jiġri madwaru[24]. Kif xehdu l-istess uffiċjali tal-pulizija kien jidher imbikkem. Anki l-kwerelanta b'mod korrett u lejali għal-aħħar tgħid li fil-maġġor parti ta' dak li kienet qed tisma' kien hemm biki, garr u anki xi għajjat. Però dawn saru fil-garaxx fejn l-imputat kien qed jabita. Forsi vera li halla xi tieqa miftuħa biex min għalih jiġbed is-simpatija ta' martu jew uliedu però b'daqshekk ma jfissirx li kien qed joħloq fastidju kif inhu kontemplat f'dan l-artikolu.

Minn naħa l-oħra l-Qorti temmen li huwa kien ben konxju mis-sitwazzjoni familjari tiegħu kif gia spjegat u ammetta huwa stess bl-ordni ta' protezzjoni li kien hemm vigenti mill-qrati a favur ta' martu l-kwerelanta. Din l-ordni kienet ilha hemm sa mill-2018 u dunque ma jistax iġib skuża favurih li ma kienx jaf, nesa jew tfixkel dwar dik l-ordni. Infatti hu ġustament jammetti li dik l-ordni ħadmet għax dan kien l-unika inċident wara dik id-deċiżjoni.

Il-fatt li huwa qabeż il-grada u r-reċint li jdawwar il-propjetà' fejn kienet qed tirrisjedi martu flimkien ma' uliedhom u mar iħabbat il-bieb u b'mod persistenti l-qanpiena u jgħajjat wara dak il-bieb allura kien hemm il-fastidju tul perjodu ta' hin. Dan dam ghal diversi minuti sakemm intervenew il-pulizija. Ma kellu l-ebda skuża u ġustifikazzjoni il-għala kellu jagħmel hekk. Hu jolfoq din is-sitwazzjoni b'idejh u

---

[24] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs Brenda Micallef** (App. Nru. 235/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' April 2023 per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri.

sewwa għamlet martu li b'mod għaqli ċemplet u talbet l-intervent tal-pulizija li irrikorrew mill-ewwel fuq il-post.

Il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita fis-sustanza tagħha mix-xhieda tal-kwerelanta li hija konsistenti u għaldaqstant kredibbli.

Għaldaqstant, bl-imġieba u bid-diskors tiegħu wara bieb martu hu mar jiffastidjaha, ħolqilha aġitazzjoni. Dan l-aġir dam għal diversi ħin però ma ġiex ravvizat ukoll f'dan il-kaz li kien hemm *course of conduct*.[25] Vera għaddew presunibilment xi minuti minn meta qabeż wara c-ċint tar-residenza u mar iċempel il-bieb b'mod goff u mhux approprjat. Jista' jkun li f'dik l-istanza kiser dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali però ma jistax jingħad li ftit jew xi minuti wieħed jista' jallacchom ma' imġieba jew aħjar bl-Ingliz *a course of conduct*.

B' hekk it-tieni akkuża ma tirriżultax u ma ġietx ippruvata skond il-liġi mill-prosekuzzjoni u konsegwentement l-imputat ser jiġi liberat minnha.

**Ikkunsidrat:**

Il-prosekuzzjoni tikkontendi fit-tielet akkuża ukoll li bl-aġir tiegħu l-imputat għandu jinstab ħati taħt l-artikoli 251B.

[25] Ara f' dan is-sens **Il-Pulizija vs Rosario Carabott** ( App. Nru. 130/18) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 30 ta' Lulju 2020 per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja pagna 15- 16. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Elton Buchingam** (Kump. 610/2022) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Gunju 2023 per Magistrat Dottoressa Donatella Frendo Dimech.

Il-Qorti tfakkar li l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju dettant mir-raġuni tlett elementi biex dan ir-reat jiġi ippruvat, ossija li:

1. L-imġieba ta' imputat tkun tali li
2. Permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor
3. Biża' li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew propjetà' tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser.

Barra minn dan **tali imġieba trid tkun mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda.** Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni wahdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan hu kjarament dak li qalu l-Qrati tal-Appell tagħha fil-każijiet segwenti:

**Il-Pulizija vs Alex Caruana Carabez**[26]**; Il-Pulizija vs Massimo Trivisin**[27]**, Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[28]**, Il-Pulizija vs Julian Genovese**[29]**, Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**[30]**, Il-Pulizija vs Brian Micallef** [31]**u il-Pulizija vs Deemer Tabone**[32] fost numru ta' każijiet oħra.

---

[26] Deciza fil-21 ta' Gunju 2007.
[27] Deciza fis-27 ta' Frar, 2009.
[28] Deciza fl-24 ta' April, 2009.
[29] Deciza fit-12 ta' Awwissu 2010.
[30] Deciza fl-24 ta' Jannar 2011.
[31] Deciza fl-14 ta' Ottubru 2011.
[32] Deciza fil-15 ta' Lulju 2016.

Ir-reat taħt l-artikolu 251B, dunque, il-liġi tesigi li jkun hemm *course of conduct* ghall-esistenza tieghu. Dan ampjament ma jirriżultax mill-atti. Hu vera li l-aġir ta' l-imputat seħħ matul medda ta' ħin, ossija matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu tal-25 ta' Frar 2020 però ma jirrizultax li kien hemm aġir ieħor barra d-data tal-imputazzjoni jew inkella diversi istanzi fl-istess jum u kieku stess kien hemm dan l-aġir iċ-ċitazzjoni kellha tiġi redatta b' mod ieħor, ossija li tkopri il-25 ta' Frar 2020 *kif ukoll il-ġranet u/jew il-ġimghat ta' qabel,*[33] xi ħaga li la ġiet ippruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawża u wisq anqas kien hemm xi korrezzjoni f'dan is-sens fiċ-ċitazzjoni.

Fl-aħħar nett fuq dan it-tip ta' reat jingħad li x-xhieda tal-parte civile hija iffukata fuq inċident wieħed li kif ingħad dam xi siegħat u allura ma hemmx dubbju li l-elementi ta' dan ir-reat ma jissussistux. Infatti *a tempo vergine* l-kwerelanta s-Sinjura Anna Maria Preca kienet ġiet irrapportata tgħid, lill-uffiċjali li marru jassistuha fuq il-post, is-segwenti:

***'Illum kien ilu ġurnata jgħajjat min go tieqa ta' fejn qed joqgħod u jgħid kliem bħal 'għala qed tagħmilli hekk'. Aktar tard għall-ħabta ta' 12.30 hrs, Vincent ġie quddiem il-grada tad-dar, qabeż ix-xatba u ġie jipprova jiftaħ il-bieb ta' barra. Waqt li qed jiġri dan, huwa beda jgħid kliem bħal 'iftaħli Ann ħa nkellmek' 'immur jien'? iżda Anna sakret il-bieb u qatt ma kellmitu.'***[34]

[33] **Irid jinghad ukoll li fil-maggor parti tan-nofs tan-nhar, kif ammess mill-kwerelanta innifisha, l-imputat kien qed jikbi, igerger u jeqred u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jirravvisax ruhu f'xi att ta' vjolenza li tista' tigi perpetwata fil-futur fuq il-vittma.**
[34] PIRS Report 6A/N/1197/2020 Folio 11 tal-process.

Għaldaqstant, din il-Qorti mhux ħa issib lill-imputat ħati tat-tielet akkuża relatat mal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 222(1), 251A(1)(a)(b), 251B (1) u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Vincent Preca HATI tal-ewwel akkuża u MHUX HATI tat-tieni u t-tielet akkuża.

Peress li ma kienx hemm spejjez u lanqas ħatra ta' periti f'dawn il-proċeduri l-Qorti qegħda tastjeni milli tiddikjara dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artiklolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U in vista' tal-fattispeci kollha tal-każ, inkluż għal fatt tal-kondotta nadifa tal-imputat, il-kollaborazzjoni sħiħa u inkondizzjonata tal-imputat sa minn meta waslu l-uffiċjali fuq il-post tal-inċident, l-età tal-imputat u l-fatt li ma jirriżultax li wara dan l-inċident kien hemm inċidenti simili, il-fatt li l-imputat għamel ukoll xi żmien taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan l-inċident u fl-aħħar u mhux l-anqas li l-imputat u l-vittma kienu għaddejjin minn proċeduri laceranti ta' separazzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li l-piena idoneja f'dan il-każ ma għandhiex tkun piena karcerarja.

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u qegħda **tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mil-lum u**

**dan ai termini tal-istess artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

In oltre biex tipprovdi għas-sigurtà' ta' Anna Maria Preca kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni l-Qorti qegħda tobbliga lill-imputat b'obbligazzjoni ta' **elf Ewro** (€1,000) favur Anna Maria Preca għal-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar l-obbligi tiegħu taħt din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

(ft) Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.

Magistrat

(ft) Victor Deguara

Deputat Registratur.